

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1243

tat-13 ta' Settembru 2018

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(2)</sup>, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*Fisem il-President,*

Stephen QUEST

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Estratt milwiem ta' lewn kannella skur bil-kompożizzjoni li ġejja (% skont il-piż):</p> <p>betaina 40,  ilma 40,  sukrożju 2,2,  rmied 3,  sustanzi organiċi oħra (bħal aċidi amminiċi u aċidi organiċi).</p> <p>Il-prodott huwa maġmūl minn melassa tal-pitravi taz-zokkor b'filtrazzjoni, b'purifikazzjoni kromatografika u sussegwentement b'konċentrazzjoni ta' betaina. Għalhekk il-kontenut taz-zokkor jitnaqqas minn madwar 60 % għal 2 % u l-kontenut tal-betaina jiżdied minn 5 % għal 40 %.</p> <p>Il-prodott jintuża biss bħala għalf tal-annimali mħallat minn qabel li jiffaċilita d-diġestjoni u jżomm l-istabbiltà intestinali.</p> <p>Il-prodott jiġi ppakkjat f'kontenituri ta' 1 000 kg jew importat bl-ingrossa.</p>	<p>2309 90 96</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Notmenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2309, 2309 90 u 2309 90 96.</p> <p>Il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 1703 bħala għasel iswed għax ma fihx ammont apprezzabbli ta' zokkor (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) tal-intestatura 1703, l-ewwel paragrafu, is-sentenza ta' qabel tal-aħħar).</p> <p>Il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2303 bħala skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor minħabba l-produzzjoni intenzjonata mill-għasel iswed flimkien mal-użu maħsub tiegħu bħala għalf imħallat minn qabel (ara wkoll in-NSSA tal-intestatura 2303, l-ittra (D)).</p> <p>L-għalf imħallat minn qabel li jtejjeb id-diġestjoni tal-annimali huwa preparazzjoni ta' tip użata għall-għalf tal-annimali tal-intestatura 2309 (ara wkoll in-NSSA tal-intestatura 2309, parti (II)(C), punt (1)).</p> <p>Għalhekk, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2309 90 96 bħala preparazzjoni ta' tip użata għall-għalf tal-annimali.</p>